MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 20/2008

Zaroula Tabone

vs

Martin Tabone

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet illi:

i) Illi hija żżewġet lil konvenut Martin Tabone fil-bini tar-reġistrazzjoni pubblika Valletta, Malta nhar il-ħamsa (5) ta' Diċembru, elfejn u wieħed (2001).

ii) Illi dan iż-żwieġ kien mill-bidu null u bla effett minħabba difett serju ta' diskrezzjoni fl-għoti tal-kunsens taż-żwieġ kif ukoll minħabba inkapaċita' li jassumi l-oneri

taż-żwieġ. Oltre minn dan, dan iż-żwieġ kien ukoll null peress illi kien parzjalment simulat minn naħa tal-konvenut bl-esklużjoni da parti tiegħu ta' l-unita' w indossulubilita' taż-żwieġ.

iii) Illi fil-fatt dan iż-żwieġ tkisser biss ftit xhur wara li seħħ meta l-konvenut qabad u abbanduna lil martu.

iv) Illi dan ir-rikors qed isir u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn Zaroula Tabone li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti u li seħħ nhar il-ħamsa (5) ta'Diċembru, tas-sena elfejn u wieħed (2001) fir-reġistru pubbliku Malta.#

Bl-ispejjeż kollha u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Innotat li l-konvenut baqa' kontumaċi, minkejja n-notifika tiegħu permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż l-affidavit ta' l-attriċi.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-kawża preżenti l-attriċi qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ tagħha mal-konvenut minħabba:

(i) difett serju ta' diskrezzjoni fl-għoti tal-kunsens taż-żwieġ;

(ii) inkapaċita' tal-konvenut li jassumi l-oneri taż-żwieġ;

(iii) li ż-żwieġ kien parzjalment simulat minn naħa tal-konvenut, bl-esklużjoni da parti tiegħu ta' l-unita' u indissolubilita' taż-żwieġ.

Il-konvenut baqa' ma weġibx għat-talba, u għalhekk, fil-kontumaċja tiegħu, għandu jitqies li qed jopponi għaliha.

Madankollu l-prova ta' kwalunkwe waħda mir-raġunijiet imsemmija mill-attriċi hija suffiċjenti biex tirrendi żwieġ null skond il-liġi tagħna. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa għalhekk li tara u teżamina jekk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li għandha quddiemha, jistgħux iwassluha għall-konklużjoni illi teżisti xi waħda minn dawn ir-raġunijet li tirrendi żwieġ null skond l-Att dwar iż-żwieġ (Kap.255).

Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża, kif jirriżulta mill-unika prova mressqa,[1] kienu s-segwenti:

L-attriċi, ta' oriġini marokkina, kienet emigrat lejn ir-Russja flimkien mal-familja tagħha. Hemmhekk iltaqgħet ma' ġuvni russu u żżewġitu. Minn dan iż-żwieġ kellhom tifla. Xi żmien wara ddeċidew li jiġu jaħdmu Malta. Hawnhekk ir-raġel tagħha inqabad f'adulterju, u kien il-kawża ta' divorzju li l-attriċi imbagħad kisbet fir-Russja. In segwitu reġgħet irritornat Malta, flimkien ma' bintha, peress li sadanittant kienet ingħatat il-kura u kustodja tagħha, u bdiet taħdem ġewwa lukanda f'Għawdex. Hawn ukoll iltaqgħet mal-konvenut, li mal-ewwel beda jwebbilha biex jiżżewġu, biex b'hekk hija ssolvi l-problema tal-permess tax-xogħol. Infatti hekk għamlu u żżewġu fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta ftit xhur biss wara li kienu ltaqgħu l-ewwel darba. Sa dakinhar ma kienet taf xejn fuq il-konvenut jew fuq il-familja tiegħu. Għalkemm kien ikollhom relazzjonijiet intimi ma' xulxin, ftit li xejn għexu flimkien. Hija kienet tkun taħdem Għawdex, u żewġha kien ġej u sejjer Malta, iktar jgħix Malta milli magħha Għawdex. Meta kien ikun hawn kien dejjem jitlobha l-flus, u joħdilha parti sostanzjali mill-paga. In segwitu saret taf li żewġha kien midjun minħabba d-droga, u l-aħħar li

[1] L-affidavit ta' l-attrici esebit fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2009 .

kellimha semmielha li kellu kawża pendenti dwar xi reat li kien akkużat li kkommetta. Infatti saret taf li kellu jiskonta sentenza l-ħabs u llum ħareġ, imma qatt ma reġgħet semgħet aħbaru. Laħqu għamlu flimkien mhux iżjed minn erba' xhur.

F'dawn iċ-ċirkostanzi jidher li hawnhekk għandna każ ta' nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fil-kontendenti dwar id-dmirijiet u drittijiet tal-ħajja miżżewġa. Ikun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, meta xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma jistgax jingħhad li tbati minn infermita' mentali, tkun daħlet għal din ir-rabta konjugali mingħajr maturita' biżżejjed għaż-żwieġ.

L-Imħallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, kawżali simili fid-dritt kanoniku għan-nullita taż-żwieġ, jfisser ukoll in-nuqqas ta' kapaċita' fil-partijiet kontraenti li jilħqu ammont suffiċjenti ta' riflessjoni proporzjonata għall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva meħtieġa għall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108(1983) 504, u.2. cfr. Ch. Defebvre: ”Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 609, (1980) p. 55 – 7): "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage). A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage. The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement. In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse. He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1. 61, pp. 864-865 n.3).

Fil-każ in eżami nsibu illi huwa ovvju li l-kontendenti qatt ma riedu u nfatti ma daħlux għaż-żwieġ bir-responsabilitajiet meħtieġa biex jagħmlu ż-żwieġ wieħed validu. Żgur li l-akbar preokkupazzjoni ta' l-attriċi, bħala mara waħedha b'tifla żgħira, kienet illi jiżżewġu kemm jista' jkun malajr biex ma jkollha ebda problema tibqa' tgħix f'dawn il-gżejjer. Il-konvenut, da parti tiegħu, jidher li ried jaħkem lill-attriċi biex jinqeda bil-flus li kienet qed iddaħħal mill-impieg tagħha, f'ċirkostanzi fejn huwa kien iddisprat għalihom. Jidher illi mħabba vera bejn il-kontendenti qatt ma seta' kien hemm. Il-konvenut ried biss jinqeda bl-attriċi għall-iskopijiet tiegħu u l-attriċi aċċettat għall-iskopijiet tagħha.

Jirriżulta għalhekk illi dawn kienu l-uniċi raġunijiet illi wasslu lill-kontendenti għad-deċiżjoni li jiżżewġu u xejn iżjed. Ma jidhirx illi huma qatt ħasbu b'serjeta' x'kienu tassew l-implikazzjonijiet tal-pass li kienu ser jieħdu meta ddeċidew li jiżżewġu hekk malajr. F'moħħhom dakinhar kellhom biss li jiġu evitati l-problemi li kellhom. Dan kien għalhekk biss żwieġ ta' konvenjenza u qatt ma kien hemm il-maturita' meħtieġa fil-partijiet sabiex jifhmu tassew l-implikazzjonijiet veri ta' xi tfisser ħajja miżżewġa. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kollu huwa ndikattiv ta' nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju dwar il-ħajja miżżewġa fil-partijiet meta ħadu dak il-pass u ma raw xejn fir-rabta li daħħlu għaliha, għajr soluzjoni prattika għall-problemi rispettivi tagħhom.

Għaldaqstant m’hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha teżamina r-raġunijiet l-oħra msemmija mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha għaliex l-istess żwieġ kien null.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, tilqa’ t-talba attriċi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-kontendenti li sar fir-Reġistru Pubbliku tal-belt Valletta nhar il-ħamsa (5) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) kien null u bla effett għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi sa mill-ewwel ġurnata tiegħu, minħabba illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-

ħajja miżżewġa a tenur ta’ l-artikolu 19 (1)(d) tal-Liġi dwar iż-żwieġ (Kap. 255).

L-ispejjeż tal-kawża, billi għal dak li ġara, jaħtu ndaqs iż-żewġ kontendenti, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejniethom.

Fl-aħħarnett tordna illi kopja uffiċċjali ta’ din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta, sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta’ Żwieġ relattiv skond il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------